A.L. 83 ta' l-1991

ATT DWAR L-INDUSTRIJA TAL-ĦUT (KAP. 138)

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 35)

Regolamenti ta' l-1991 dwar Rimunerazzjoni lil Uffiċjali tas-Sajd

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar l-Industrija tal-Ħut u bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru ta' l-Agrikoltura u Sajd, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1991 dwar Rimunerazzjoni lil Uffiċjali tas-Sajd. Titolu.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, il-kliem "Direttur" u "Dipartiment" ifissru d-Direttur u d-Dipartiment ta' l-Agrikoltura u Sajd rispettivament. Tifsir.

3. Meta jingħata xi servizz minn Uffiċjal tas-Sajd barra mill-konfini tad-Dipartiment jew barra mill-ħin normali tax-xogħol tad-Dipartiment, għandu jitħallas lid-Direttur, fuq talba tiegħu, mill-persuna li tkun talbet li jingħata dak is-servizz, ħlas li jkun daqs ir-rata tal-*overtime* li tiġi kalkolata b'dawk ir-rati li l-Gvern minn żmien għal żmien iħallas lil dawk l-uffiċjali għal attendenzi bħal dawk bl-*overtime*, flimkien ma' ħlas amministrattiv ta' 5 fil-mija kalkolat fuq il-ħlas kollu u spejjeż, jekk ikun hemm: Drittijiet għal servizz.

Iżda meta t-tul ta' żmien ta' dak is-servizz minn uffiċjal tad-Dipartiment ikun ta' inqas minn sagħtejn, l-inqas ħlas jiġi kalkolat daqs sagħtejn sħaħ.

4. Id-Direttur għandu juri fid-Dipartiment u fil-friegħi ta' l-istess Dipartiment ir-rati li bihom għandha titħallas l-attendenza ta' Uffiċjali tas-Sajd skond id-dispożizzjonijiet tar-regolament 3. Ir-rati għandhom jintwerew.

5. Meta l-attendenza ta' Uffiċjal tas-Sajd tenħtieġ f'xi mkien, ħlief jekk min jitlob dik l-attendenza jipprovdi trasport sodisfaċenti — Ħlasijiet għat-trasport.

(a) meta jkun hemm servizz tal-karozza tal-linja, għandu jintalab ħlas għat-trasport bin-nollijiet korrenti għal dak is-servizz;

(b) meta ma jkunx hemm servizz tal-karozza tal-linja, għandu jintalab ħlas għat-trasport bir-rata ta' 9c3m għal kull kilometru.

Hlas għal manteniment.

6. Meta —

(a) Uffiċjal tas-Sajd jattendi għal dmirijietu fi mkien li jinstab aktar minn ħames kilometri 'l bogħod mill-uffiċju tiegħu; jew

(b) id-dmirijiet ta' Uffiċjal tas-Sajd ikunu jaqbżu l-ħin ta' ħames sigħat; jew

(ċ) ma jkunx hemm servizz ta' karozza tal-linja bejn l-imkien ta' attendenza u l-uffiċju tal-Uffiċjal tas-Sajd,

għandu jintalab ħlas għal manteniment mingħand min ikun ħtieġ dak is-servizz bir-rati applikabbli mill-Gvern għal dawk l-uffiċjali għal attendenzi bħal dawk.